# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-KUMMERC)

## ONOR. IMHALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum, it-Tnejn 24 ta' Jannar 2022

**Kawza Nru. 10**

**Rikors Nru. 42/2021ISB**

**RUDOLPH GRIMA (KI Numru 236566M) gja azzjonist u gja direttur tas-socjeta` Cosmina Limited (C43417)**

***vs***

**REGISTRATUR TAL-KUMPANNIJI**

**Il-Qorti :**

**<u>Preliminari</u>**

Rat ir-**rikors** li jaqra hekk:

1. *Illi l-esponenti huwa azzjonist u sid aħħari tas-soċjeta Cosmina Limited bin-numru ta` registrazzjoni C 43417 reġistrata fl- indirizz TAB1 House, Carmen Mallia Street, San Gwann.*

2. *Illi ai termini tal-artikolu325 (1) tal-Att dwar il-Kumpanniji Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta, l-intimat bagħat ittra datata 20 ta Jannar 2020 li permezz tagħha avza lid-direttur, u ċioe l-esponent Rudolph Grima, tas-soċjeta` Cosmina Limited li s-soċjeta` kienet naqset milli tirreġistra d-dokumenti rilevanti ma` l-istess u għalhekk kellha tinforma lill-intimat jekk kienitx għadha qiegħda topera (ittra hawn annessa u mmarkata bhala* ***Dok A****).*

3. *Illi fit- 22 ta April 2020, Rudolph Grima bħala direttur tas-socjeta`, irrisponda l-ittra billi informa lill-intimata illi "I have just been sent a copy of your letter dated 20th January 2020. This letter was sent to my former accountant with reference C43417. I would like to apologise for writing so late but the copy came to my attention just a couple of days ago. I would like to inform you that I would like to keep the company in operation and would gladly get the papers up to date." (ara email hawn anness u mmarkat bhala* ***Dok B****).*

4. *Illi minkejja dan, l-intimat reġa bgħatt ittra datata 8 ta' Mejju 2020 fejn irrikonoxxa illi s-soċjeta għada 'in operation and thus should not be struck off in accordance with Article 325 of the Companies Act' (email hawn annessa u mmarkata bħala* ***Dok C****) u li għandu jissottometti l - Annual Returns u l-Financial Statements neqsin izda fil-frattemp, wara li nkariga l-accountant l-antik sabiex jisottometti d-dokumenti kollha kif mitlub mil-intimat, huwa avza l-esponenti illi ma setax ikompli bl-ingaċċ tiegħu bħala accountant tas-soċjeta Cosmina Limited minħabba pressjoni ta' xogħol ieħor ta terzi.*

5. *Illi s-soċjeta Cosmina Limited tħassret minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji mizmuma mill-intimat, b'effett mit-3 ta' Lulju 2020.*

6. *Illi r-rikorrenti ħass ruħu aggravat b'tali tħassir u għandu kull interess illi l-istess soċjeta terġa titqiegħed fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji.*

7. *Illi jekk is-soċjeta Cosmina Limited ma terġax titqiegħed fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji, ir-rikorrenti sejjer isofri danni rreparabbli, billi l-assi tal-istess soċjeta sejrin jiddevolvu f'idejn il-Gvern ta' Malta.*

8. *Illi r-rikorrenti huwa lest li jieħu kull azzjoni meħtieġa sabiex tiġi regolarizzata l-pozizzjoni tal-kumpannija in kwistjoni.*

9. *Illi infatti, ir-rikorrenti ġa kkaġuna li jkunu preparati l-kontijiet u formoli kollha tas-soċjeta Cosmina Limited biex l-istess ikunu jistgħu jiġu rreġistrati.*

***GĦALDAQSTANT*** *ir-rikorrenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti prevja kwalsiasi dikjarazzjoni jew provediment opportun tordna lir-Reġistratur tal-Kumpanniji sabiex ai termini tal-Artikolu 325(4) tal-Kap 286 tal-Liġijiet ta' Malta:*

*(1) Jerġa idaħħal l-isem tas-soċjeta Cosmina Limited (C43417) fi-reġistru tal-Kumpanniji sabiex b'hekk l-istess soċjeta titqies li kompliet bl-ezistenza tagħha daqslikieku isimha ma ġiex imħassar; u*

*(2) Jagħmel dawk il-pubblikazzjonijiet kollha meħtieġa ai termini tal-Liġi relattivi għal tali inderzjoni fir-Reġistru tal-Kumpanniji.*

*Bl-ispejjez.*

Rat id-dokumenti li kienu prezentati mar-rikors.

Rat ir-**risposta** tal-intimat Registratur li tghid:

*Illi l-kumpanija Cosmina Limited (C 43417) kienet ġiet reġistrata fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji ("Reġistru") fit-28 ta' Jannar 2008;*

*Illi fiż-żmien li damet fuq ir-Reġistru, il-kumpanija naqset mill-obbligi tagħha illi tibgħat kontijiet u prospetti annwali lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni ai termini tal-Att dwar il-Kumpaniji. Tant hu hekk, illi l- aħħar kont annwali reġistrat mar-Reġistratur tal-Kumpaniji kien dak tas-sena 2009 u l-aħħar prospett annwali illi rreġistrat kien dak tas-sena 2013;*

*Illi tali nuqqas kien raġuni biżżejjed sabiex l-esponent Reġistratur jissoponi illi l-kumpanija in kwistjoni ma kienetx qed topera jew tmexxi negozju ai termini tal-Artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpaniji;*

*Illi in vista tas-suespost, ir-Reġistratur proċeda sabiex kiteb lill-kumpanija u lill-uffiċjal tagħha sabiex javża illi l-isem tal-kumpanija kien ser jiġi mħassar minn fuq ir-Reġistru kemm il-darba ma tintweriex raġuni sabiex dan ma jseħħx;*

*Illi r-Reġistratur bagħat l-ewwel avviż permezz ta' ittra lill- kumpanija (annessi u mmarkati bħala Dok. '**A**', l-ittri u l-pubblikazzjonijiet kollha maħruġa mir-Reġistratur) fuq l-indirizz reġistrat tagħha, "TAB 1 House" Carmen Mallia Street, San Ġwann SGN 2202, kif ukoll lill-uniku direttur, fl-indirizz li huwa 49, Triq Ġuzeppi Callus, Mosta, datati, 20 ta' Jannar 2020;*

*Illi t-tieni avviż ġie mibgħut permezz ta' ittra oħra kemm lill-kumpanija kif ukoll lid-direttur fuq l-istess indirizzi fit-3 t'April 2020;*

*Illi f'din l-ittra l- kumpanija ġiet infurmata illi la darba kienet ilha snin tonqos mill-obbligi tagħha skont l-artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpanniji, f'każ li ma tweġibx l-ewwel ittra fi żmien xahar, u t-tieni ittra fi żmien tliet xhur, ir-Reġistratur kien se jkompli bil-proċess ta' tħassir tal-isem tal-kumpanija.*

*Illi fit-3 t'April 2020, inħarġet pubblikazzjoni fuq Times of Malta fejn isem il-kumpanija kien wieħed fost oħrajn illi kien ser jiġi mneħħi minn fuq ir-Reġistru tal- Kumpaniji fi żmien tliet xhur, la darba ma jkunx hemm oġġezzjoni għal dan;*

*Illi għalkemm l-attur qiegħed jissottometti illi hu sar jaf b'dawn l-avvizi fl-20 t' April għaliex skont hu dawn intbagħatu lill-awditur preċedenti tiegħu, ta' min jenfasizza illi, dawn l-avviżi ġew mibgħuta kemm lilu personali bħala direttur tal-kumpanija fl-indirizz illi huwa forna lir-Reġistratur bih, kif ukoll fl-indirizz reġistrat fir-Reġistru tal-Kumpaniji. Issa jekk kemm -il darba l-indirizz reġistrat tal-kumpanja kien l-istess indirizz tal-awditur, liema awditur dan ma baqax joffrilu s-servizzi tiegħu, dan huwa sinjal ċar ta' nuqqas min-naħa tal-istess attur li kien fid-dover skont il-liġi li jinforma lir-Reġistratur f' inqas minn erbatax -il gurnata minn meta nbidel l-indirizz tal-kumpanija;*

*Illi fil-frattemp ir- Reġistratur qatt ma rċieva l-ebda tip ta' risposta jew dokumenti pendenti mingħand il-kumpanija u għaldaqstant fit-3 ta' Lulju 2020, li jaħbat tliet xhur mill-pubblikazzjoni msemmija hawn fuq, l-esponent ħareġ avviż fuq website miżmuma minnu fejn ġie avżat illi l-isem tal-kumpanija in kwistjoni kien ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru;*

*Illi r-rikors qiegħed isir fiż-żmien il-ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir u għalhekk għadu fiż-żmien stipulat mil-liġi;*

*Illi filwaqt illi r-Reġistratur jixtieq illi jekk il-kumpaniji terġa titpoġġa fuq ir-Reġistru tali kumpanija taġġorna d-dokumentazzjoni meħtieġa (inkluż il-prospetti annwali u l-kontijiet annwali) u dan sabiex jiġi salvagwardjat l-interessi tat-terzi persuni, ir-Reġistratur qiegħed umilment jissolleva illi qiegħed iħalli f'idejn dina l-Onorabbli Qorti u fil-provi sabiex jiġu magħrufin il-passi illi għandhom jitieħħdu min-naħa tiegħu sabiex il-pożizzjoni tal-kumpanija in kwistjoni tiġi rattifikata.*

*Illi l- ammont dovut bħala reġistrazzjoni fuq il-prospetti annwali li qatt ma ġew reġistrati jammonta għal* ***EUR800.***

*Illi di piu' il-penali fuq il-prospetti annwali u l-kontijiet annwali li baqgħu qatt ma ġew reġistrati jammontaw għal* ***EUR 8,359.50.***

*Illi għaldaqstant huwa lest li joqgħod għal kull direzzjoni u provediment illi din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi partikulari ta' dan il-każ.*

*Bl-ispejjeż.*

Rat id-dokumenti li kienu prezentati.

Rat id-digriet tal-31 ta' Mejju 2021.

Rat il-verbali tal-udjenzi mizmuma.

Rat illi fil-mori tal-kawza kienu regolarizzati l-pendenzi kollha li kellha l-kumpannija mar-Registratur u fil-fatt, b'nota kongunta tal-partijiet tal-15 ta' Novembru 2021, il-partijiet, tramite d-difensuri taghhom, ddikjaraw illi l-pendenzi gew regolarizzati u talbu lil din il-Qorti taghti provvediment illum.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

**Ikkunsidrat:**

**<u>L-Art 325 tal-Kap 386</u>**

L-azzjoni odjerna kienet intavolata abbazi tal-Art 325 tal-Kap 386.

Ir-rikorrent qieghed jitlob li l-isem tal-kumpannija Cosmina Limited (C-43417) jerga` jitqieghed fir-Registru tal-Kumpanniji ghar-ragunijiet ta` fatt li kienu mfissra fil-kawzali tar-rikors promotur.

Billi huwa *membru u sid ahhari* tal-kumpannija, ir-rikorrent qieghed joqghod fuq is-subartikolu (4) sabiex isostni legalment ir-ragunijiet tieghu.

Unikament ghall-fini ta` kompletezza, il-qorti sejra xorta wahda ticcita l-artikolu shih biex imbaghad tghaddi ghall-osservazzjonijiet taghha.

**Ikkunsidrat ulterjorment**:

Illi l-artikolu jaqra hekk –

*(1) Meta r-Registratur ikollu raguni bizzejjed biex jahseb li kumpannija ma tkunx qed tmexxi negozju jew ma tkunx qed topera, dan jista` jibghat lill-kumpannija ittra bil-posta fejn jistaqsi jekk il-kumpannija tkunx qed tmexxi negozju jew tkunx qed topera.*

*(2) Jekk ir-Registratur jircievi twegiba fis-sens li l-kumpannija ma tkunx qed tmexxi negozju jew ma tkunx qed topera, jew jekk ma jircevix twegiba fi zmien xahar minn meta jkun baghat l-ittra, dan jista` jibghat lill-kumpannija bil-posta u jippubblika avviz fil-Gazzetta jew fuq website mizmuma mir-Registratur u f`gazzetta li tohrog kuljum li c-cirkolazzjoni taghha tkun ghal kollox jew principalment f`Malta li, f`eghluq tliet xhur mid-data tal-ahhar pubblikazzjoni tal-imsemmi avviz, l-isem tal-kumpannija ghandu, kemm-il darba qabel ma tintwerix raguni biex isir kuntrarju jew jekk ir-Registratur ikun sodisfatt li hemm ragunijiet bizzejjed biex ma jipprocedix bit-thassir, jithassar minn fuq ir-registru, u l-attiv tal-kumpannija jghaddi f`idejn il-Gvern ta` Malta.*

*(3) Jekk, f`xi kaz fejn kumpannija tkun qed tigi stralcjata volontarjament, ir-Registratur ikollu raguni bizzejjed biex jahseb jew li ebda stralcjarju ma jkun qed jagixxi jew li l-affarijiet tal-kumpannija jkunu stralcjati ghal kollox, u li l-prospetti li huma mehtiega li jsiru mill-istralcjarju skond l-artikolu 322 ikunu tard b`sitt xhur jew iktar, ir-Registratur jista` jippubblika fil-Gazzetta jew fuq website mizmuma mir-Registratur u f`gazzetta li tohrog kuljum li c-cirkolazzjoni taghha tkun ghal kollox jew principalment f`Malta, avviz li f`eghluq tliet xhur mill-ahhar pubblikazzjoni tal-imsemmi avviz, l-istralc tal-kumpannija ghandu, kemm-il darba qabel ma tintweriex raguni biex isir kuntrarju, jitqies li jkun gie mitmum u konsegwentament li l-isem tal-kumpannija jithassar minn fuq ir-registru. Ir-Registratur ghandu jiehu hsieb jibghat bil-posta kopja tal-imsemmi avviz lill-kumpannija u lill-istralcjarju, jekk ikun hemm. Malli jaghlaq l-imsemmi zmien ta` tliet xhur l-istralc tal-kumpannija ghandu, kemm-il darba qabel ma tintwerix raguni biex isir kuntrarju, jitqies li jkun gie mitmum u r-Registratur ghandu jhassar l-isem tal-kumpannija minn fuq ir-registru u l-attiv tal-kumpannija jghaddi f`idejn il-Gvern ta` Malta.*

*(4) Jekk membru jew kreditur tal-kumpannija, jew xi persuna ohra li fil-fehma tal-Qorti jkollha interess li thossha aggravata bil-fatt li l-isem tal-kumpannija jkun thassar minn fuq ir-Registru bis-sahha ta` dan l-artikolu, il-Qorti, fuq rikors maghmul mill-membru jew kreditur jew minn dik il-persuna l-ohra, qabel ma jghaddu hames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviz tat-thassir provdut fis-subartikoli (2) u (3), tista`, jekk tkun sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-registru, tordna li dak l-isem jerga` jidhol fir-registru, u mal-konsenja ta` kopja ufficjali tal-ordni mir-Registratur tal-Qrati lir-Registratur ghar-*

*registrazzjoni, il-kumpannija ghandha titqies li kompliet bl-ezistenza taghha daqslikieku isimha ma kienx thassar; u l-Qorti tista` bl-ordni taghha taghti dawk id-direzzjonijiet u taghmel dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa biex il-kumpannija u l-persuni l-ohra kollha jitqieghdu fl-istess pozizzjoni kemm jista` jkun vicin dik li kieku l-isem tal-kumpannija ma jkunx thassar. Ir-Registratur ghandu minnufih ighaddi biex jippubblika avviz fil-Gazzetta jew fuq website mizmuma mir-Registratur u f`gazzetta li tohrog kuljum li c-cirkolazzjoni taghha tkun ghal kollox jew principalment f`Malta u l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-registru.*

*(5) Avviz mibghut taht dan l-artikolu jista` jigi indirizzat lill-istralcjarju fil-post tan-negozju jew fl-indirizz tieghu l-ahhar maghruf, u ittra jew avviz li ghandu jintbaghat lil kumpannija ghandu jigi indirizzat lill-kumpannija fl-ufficcju registrat taghha.*

*(6) Minkejja li l-isem tal-kumpannija jkun thassar minn fuq ir-registru skond id-disposizzjonijiet ta` qabel dan l-artikolu, ir-responsabbilità, jekk il-kaz, ta` kull direttur jew ufficjal iehor tal-kumpannija u ta` kull membru tal-kumpannija ghandha tkompli u tista` tigi infurzata daqslikieku l-isem tal-kumpannija ma jkunx thassar mir-registru.*

*(7) Minkejja d-disposizzjonijiet tal-artikolu 429(1), id-disposizzjonijiet ta` dan l-artikolu japplikaw ghal kumpannija li x-xoljiment u l-istralc konsegwenzjali taghha jkunu regolati bl-Ordinanza.*

## <u>Konsiderazzjonijiet</u>

Jirrizulta illi kien unikament minhabba l-fatt illi l-kumpannija naqset milli tottempera ruhha mal-obbligi taghha skont il-ligi, kollox kif ben indikat fir-risposta tieghu, li wassal lir-Registratur sabiex jaghti bidu ghall-procedura tat-thassir tal-isem tal-kumpannija mir-registru tal-kumpanniji skont is-subartikolu (1) tal-Art 325.

Il-Qorti hija sodisfatta li r-Registratur segwa l-procedura kollha prevista mis-subartikolu (2) tal-Art 325.

Il-Qorti qieset illi fil-kors tal-procediment odjern kienu regolarizzati l-pendenzi kollha li l-kumpannija kellha mal-intimat Registratur u li kien wasslu sabiex jibda l-process tat-thassir tal-isem.

Fic-cirkostanzi, l-intimat Registratur mhux jopponi li l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-registru.

Il-Qorti trid taghmilha cara li bil-fatt illi sejra tordna li l-isem tal-kumpannija *de quo* jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji bl-ebda mod ma ghandu jfisser li l-Qorti tat xi *carte blanche* lill-kumpannija de quo u lill-ufficjali taghha sabiex dak kollu li ma sarx tajjeb u skond il-ligi fil-passat qabel sar it-thassir tal-isem issa jista` jirrepeti ruhu mill-llum il-quddiem.

Bil-fatt illi l-isem jerga` jidhol fir-Registru, il-kumpannija trid turi fil-konkret kif irid il-Kap 386 li sejra tidhol lura fil-binarji tal-legalita` minghajr ma jkun hemm ghalfejn li r-Registratur tal-Kumpanniji jkollu jagixxi minhabba inadempjenzi ta` kull minn huwa responsabbli fis-socjeta` *de quo*.

Jekk il-kumpannija terga` tkun inadempjenti, il-Qorti m`ghandhiex l-icken dubju li l-intimat jerga` jipprocedi skont is-subartikolu (1) tal-Art 325 tal-Kap 386, skont kif jesigu d-drittijiet u l-obbligi tieghu. Jista` jkun li f`dak il-kaz il-konsiderazzjonijiet tal-Qorti jkunu diversi minn dawk tal-lum tenut kont illi llum s-socjeta` rikorrenti qed tinghata din l-opportunita`.

**GHALDAQSTANT,** ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tipprovdi dwar it-talbiet tar-rikorrent u dwar l-eccezzjonijiet tal-intimat, billi qeghda taqta` u tiddeciedi hekk:

1. **Tordna** li l-isem **Cosmina Limited C-43417** jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji.

2. **Tordna** lir-Registratur tal-Qorti sabiex sa zmien sebat' ijiem mil-lum jikkonsenja lir-Registratur tal-Kumpanniji ghar-registrazzjoni kopja ufficjali tal-ordni li permezz taghha l-isem Cosmina Limited li kien abbinat mal-kumpannija li kellha n-Numru ta` Registrazzjoni C43417 jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji.

3. **Tordna** lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex sa' zmien sebat' ijiem mid-data li fiha tkun ikkonsenjata lilu mir-Registratur tal-Qorti kopja ufficjali tal-ordni li permezz taghha l-isem Cosmina Limited li kien abbinat mal-kumpannija li kellha n-Numru ta` Registrazzjoni C-43417 jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji jippubblika avviz fil-Gazzetta tal-Gvern jew fuq *website* mizmuma mir-Registratur u f`gazzetta li tohrog kuljum li c-cirkolazzjoni taghha tkun ghal kollox jew principalment f`Malta fejn jghid illi l-isem tal-kumpannija Cosmina Limited (C-43417) rega` dahal fir-Registru tal-Kumpanniji.

4. **Tordna** li l-ispejjez kollha ta` din il-kawza ghandhom jithallsu mir-rikorrent, komprizi spejjez ohra li jkunu talvolta mehtiega sabiex l-isem tal-kumpannija **Cosmina Limited** (C-43417) jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imhallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**